MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 194/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Michaelangelo Mamo**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih il-korporazzjoni attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-korporazzjoni attrici fuq talba tal-konvenut, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 247996 fil-fond 38, St Frederick Street, Valletta, u dan skond ma jirrizulta mill-annessi Dokument “A”.

Illi l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici.

Illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont kumplessiv ta' Lm1911.70 (elf, disa' mija u hdax-il lira maltin u sebghin centezmu) ghall-kera/*pulses*, kera tal-linja telefonika u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizzi telefonici u dan skond ma' kif jirrizulta mill-anness "*statement*" immarkat bhala dokument "B".

Illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess korporazzjoni attrici tablet li l-konvenut jghid ghaliex il-Qorti m'ghandiex:

1. Tikkundannah ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm1,911.70 (elf, disa' mija u hdax-il lira maltin u sebghin centezmu) ghall-kera/*pulses*, kera tal-linja telefonika u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera dovuta in konessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 247996 hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru 1997 u l-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-korporazzjoni attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill- konvenut fil-21 ta' Dicembru 2005 (a tergo fol 83) li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-korporazzjoni attrici;

Semghet il-PL Noel Scerri ghall-Korporazzjoni attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tallum l-1 ta' Marzu 2006 fejn il-konvenut msejjah diversi drabi baqa' ma deherx.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tikkundannah ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm1,911.70 (elf, disa' mija u hdax-il lira maltin u sebghin centezmu) ghall-kera/*pulses*, kera tal-linja telefonika u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera dovuta in konessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 247996 hawn fuq imsemmi liema servizz kien gie nstallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru 1997 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------